# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 67/2007

## tad-29 ta' Ġunju 2007

## li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 74/2006 tat-2 ta' Ġunju 2006 ([1]).

(2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża sabiex tinkludi d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi l-programm ta' qafas għall-kompetittività u l-kompetizzjoni (2007-2013) ([2]).

(3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din l-estensjoni tal-kooperazzjoni tkun tista' sseħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 2007,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 7(5) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim:

"— **32006 D 1639**: Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007-2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15)"

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

([1]) ĠU L 245, 7.9.2006, p. 45

([2]) ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.